Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' April 2025**
**(OR. en)**

**8247/25**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2025/0098(NLE)**

**AELE 34**
**MI 243**
**FL 16**
**ISL 16**
**N 18**
**EMPL 146**
**SOC 231**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 24 ta' April 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 182 final - Annex |
| Suġġett: | ANNESS<br>tal-<br>Proposta għal<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL<br>dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet<br>(Linja baġitarja 07 20 03 01 - Sigurtà Soċjali) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 182 final - Annex.

---

Mehmuż: COM(2025) 182 final - Annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.4.2025
COM(2025) 182 final

ANNEX

**ANNESS**

**tal-**

**Proposta għal**

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

**(Linja baġitarja 07 20 03 01 - Sigurtà Soċjali)**

MT MT

# ANNESS

## ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

**Nru […]**

**ta' […]**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Huwa xieraq li titkompla l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE f'azzjonijiet tal-Unjoni ffinanzjati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fir-rigward tal-moviment liberu tal-ħaddiema, il-koordinazzjoni ta' skemi tas-sigurtà soċjali u l-miżuri għall-migranti, inklużi migranti minn pajjiżi terzi.

(2) Għaldaqstant il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat biex tkun tista' ssir din il-kooperazzjoni estiża mill-1 ta' Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fil-paragrafi 5 u 14 tal-Artikolu 5 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, il-kliem "is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023 u 2024" jinbidlu bil-kliem "is-snin finanzjarji 2021, 2022, 2023, 2024 u 2025".

*Artikolu 2*

(3) Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2025.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

---

* [Ma huma indikati ebda rekwiżiti kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]

Is-Segretarji

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE